MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## JOSEPH BONNICI

Seduta tas-7 ta' Lulju, 2003

Talba Numru. 2751/2002

Vodafone Malta Limited
Vs
Martin Micallef

It-Tribunal

Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat mis-socjeta' attrici fl-20 ta' Novembru, 2002, fejn intalab il-hlas ta' tliet mija u wiehed u erbghin lira Maltija u erbgha u tmenin centezmu (LM341.84) rapprezentanti hlas ghal-servizzi rezi mis-socjeta' attrici lill-konvenut in konnessjoni mal-'mobile phone' bin-numru 99473810.

Il-konvenut interpellat sabiex ihallas diversi drabi baqa' inadempjenti.

Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-mandat ta' sekwestru prezentat kontestwalment u bl-interesi kontra l-konvenut mid-data meta l-ammont pretiz f'din it-talba kien dovut sad-data tal-pagament effettiv.

Ra li l-konvenut debitament notifikat baqa' ma prezentatx risposta.

Sema' lil Avv Dr Michael Grech jikkonferma bil-gurament tieghu li l-ammont ghadu dovut.

Jiddeciedi billi jilqa' it-talbiet attrici u jikkundanna l-konvenut ihallas lis-socjeta’ attrici s-somma ta' tliet mija u wiehed u erbghin lira Maltija u erbgha u tmenin centezmu (Lm341.84) bl-ispejjes u bl-interessi mid-data tal-prezentata.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------